2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dmir ta’ premura u tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba, kif ukoll fuq ksur tad-dritt għad-dinjità u tal-Artikoli 1 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għar-raġuni li, billi ma ħaditx pożizzjoni b’mod definittiv fir-rigward tal-eżistenza tal-fatti ta’ fastidju psikoloġiku ddenunzjati, l-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta’ ingaġġ tal-Parlament kisret il-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba u d-dmir tagħha ta’ premura, u b’dan il-mod kisret id-dritt għad-dinjità tal-bniedem tar-rikorrenti.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta’ April 2020 – Steinel vs EUIPO (MobileHeat)

**(Kawża T-226/20)**

(2020/C 201/67)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Steinel GmbH (Herzebrock-Clarholz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Breuer u K. Freudenstein, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni MobileHeat – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 029 162

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-3 ta’ Frar 2020 fil-Każ R 2472/2019-2

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) moqri flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-24 ta’ April 2020 – Biovene Cosmetics vs EUIPO – Eugène Perma France

**(Kawża T-227/20)**

(2020/C 201/68)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Biovene Cosmetics, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: E. Estella Garbayo, lawyer)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Eugène Perma France (Saint-Denis, Franza)